MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2007

Avviz Numru. 478/2005

**Mary Zarb mart Bartolomeo Zarb f'isimha proprju u bhala mandatarja ta' ohtha l-imsiefra Georgina Mallia nominata f'din il-kwalita permezz ta' kitba datata 11 ta' Frar tas-sena 2003 Dok A u l-istess Bartolomeo Zarb ghall-interess li jista jkollu.**

**Vs**

**Anthony Borg**

**Il-Qorti:-**

Rat li fit-2 ta' Settembru, 2005 l-attrici f'isimha proprju u bhala mandatarja ta' ohtha l-imsiefra Georgina Mallia, kif ukoll Bartolomeo Zarb ipprezentaw avviz fir-Registru ta' din il-Qorti fejn talbet il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut ihallashom is-somma ta' erbat elef u sitt mitt lira Maltin (LM4,600) jew somma ohra verjuri, bilanc tas-somma ta' ghoxrin elf lira Maltin (LM20,000) dovuta lill-atturi, bhala ulied w eredi ta' ommhom, il-mejta Antonia

Borg meta fid-disgha w ghoxrin ta’ Ottubru 2004 hija dehret fuq kuntratt pubblikat minn Nutar Dottor Pierre Falzon u bieghet lil Doris Camilleri l-fond numru 5, Carmen House, Triq il-Fatati, Hamrun, proprjeta ta’ l-istess Antonia Borg u l-istess konvenut inkassa u zamm il-prezz ta’ ghoxrin elf lira Maltin (LM20,000). Din is-somma t’erbat elef u sitt mitt lira Maltin (LM4,600) l-attrici pro et nomine waslet ghaliha wara li hadet in konsiderazzjoni li l-konvenut hallas mill- ghoxrin elf lira Maltin (LM20,000) imsemmija, somma ta’ circa elfejn lira maltin (LM2,000) dovuta minn Antonia Borg lid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali u somma ohra ta’ elf u tlett mitt lira maltin (LM1,300) mqassma mill-konvenut lil hames ulied w eredi ta’ Antonia Borg, fosthom l-attrici pro et noe, lil kull wiehed u wahda minnhom akkont ta’ l-istess somma ta’ ghoxrin elf lira Maltin (LM20,000).

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra nterpellatorja tas-sita w ghoxrin t’April 2005, kif ukoll ohra tad-dsatax ta’ Gunju 2005 u bl-imghax legali mid-disgha w ghoxrin ta’ Ottubru 2004 kontra l-konvenut li huwa ngunt in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Borg fejn eccepixxa li:-

1. Illi fl-ewwel lok l-intempestivita tal-azzjoni stante li qabel xejn irid ikun hemm il-likwidazzjoni tal-eredita ta’ omm il-partijiet.

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-inkompetenza *ratione valoris* u dan stante illi biex tasal ghall-konkluzjoni taghha l-Qorti l-ewwel trid tillikwida l-assi ereditarji w imbaghad minn hemm tasal ghall-konkluzjoni ta’ kif l-assi ghandhom jigu distribwiti u skond l-avviz tal-atturi, l-assi ereditarji huma ta’ aktar minn ghaxart elef lira maltin (LM10,000) li minnhom qed jippretendu erbat elef u sitt mitt lira maltin (LM4,600).

3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghal-premess il-gudizzju mhux integru stante li m’humiex parti fil-kawza l-eredi kollha ta’ Antonia Borg.

4. Fir-raba lok u fil-mertu, kull ammont li ghandhom dritt ghalih l-atturi huma s-sehem li kellha d-decujus fid-data tal-mewt taghha u fil-fatt gie distribwit kif ammess fl-avviz. Il-kumplament tal-flus iddisponit minnhom id-decujus f'hajjitha. L-eccipjenti ma zamm l-ebda flus ta' ommu u konsegwentement m'hu obbligat ihallas xejn lill-atturi.

5. Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Rat il-verbali, ix-xhieda u n-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet.

Ikkunsidrat;

Il-fatti saljenti kif johorgu mill-atti ta' din il-kawza jistghu jigu sintetizzati bil-mod segwenti:

- Antonia Borg mietet fit-tlieta w ghoxrin ta' Frar, 2005. Hija kienet mizzewga lil Joseph Borg.

- Joseph u Antonia konjugi Borg kellhom hamest' itfal li whud minnhom jinsabu f'din il-kawza odjerna. Dawn it-tfal huma Anthony (il-konvenut); Joseph, Rose mart Carmelo Mifsud; Mary mart Bartolomeo Zarb (l-atturi) u Georgina mart Mario Mallia (l-attrici).

- Permezz ta' kuntratt datat disgha w ghoxrin ta' Ottubru, 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon, Antonia Borg u Anthony Borg bieghu d-dar Numru 5, Carmen House, fi Triq il-Fatati, Hamrun, versu l-prezz ta' ghoxrin elf lira Maltin (LM20,000) (ara fol. 27 et seq). Illi b'kuntratt datat disgha w ghoxrin t'Ottubru, 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon, Anthony Borg ghan-nom ta' Antonia Borg, biegh d-dar Numru 5, Carmen House, fi Triq il-Fatati, Hamrun, versu l-prezz ta' ghoxrin elf lira Maltin (LM20,000) (ara fol. 44 et seq.). Ohrog il-ghageb, kuntratt wiehed differenti mill-iehor ghalkemm jitkellmu dwar l-istess proprjeta, gew ippubblikati fl-istess gurnata u mill-istess Nutar!

- Skond it-testment datat sbatax ta' April, 1995 fl-atti tan-Nutar Dottor Charles Mangion, Joseph Borg u Antonia Borg (l-awturi tal-kontendenti) kienu stitwew bhala eredi universali u padruni assoluti ta' gidhom kollu ndaqs bejniethom lil hames uliedhom u cioe Anthony, Joseph sive Joe, Rose, mart Carmelo Mifsud, Mary mart Bartolomeo Zarb u Georgina mart Mario Mallia.

- Issa l-atturi qeghdin isostnu li ftit jiem wara l-funeral ta' omm il-kontendenti, u cioe ftit jiem wara l-hamsa w ghoxrin ta' Frar, 2005, Rondia Grech (neputija taghhom), kienet infurmathom li l-konvenut Anthony Borg u Carmelo Mifsud kienu marru ghand nannuha Joseph Borg, li jigi iben il-mejta Antonia Borg, u ikkonsenjawlu s-somma ta' tlett elef disgha mija au tletin lira maltin (LM3,930). Il-konvenut ta elf tlett mija w ghaxar liri maltin (LM1,310) lil Joseph Borg u infurmah li 'n kwantu ghar-rimanenti elfejn sitt mija w ghoxrin lira maltin (LM2,620) dawn kellhom jinqasmu b'mod ugwali bejn Maria Zarb u Georgina Mallia.

- Il-konvenuti qeghdin isostnu da parti taghhom li dawn il-flejjes li huma riedu jghaddu lill-atturi, kienu parti mill-wirt tad-defunta Antonia Borg.

Ikkunsidrat ulterjorment;

**Bartolomeo Zarb** xehed li omm martu mietet gewwa l-Isptar San Vincenz de Paule fit-tlieta w ghoxrin ta' Frar, 2005 u li sussegwentement indifnet fil-hamsa w ghoxrin ta' Frar, 2005. Spjega wkoll li b'testment ippublikat minn Nutar Dottor Charles Mangion fis-sbatax t'April 1995, Antonia Borg, flimkien ma zewgha Joseph Borg, innominaw bhala eredi universali taghhom fi kwoti ugwali lill-hames uliedhom u cioe, lil Anthony, Joseph, Rose mart Carmelo Mifsud, Mary mart Bartolomeo Zarb u Georgina mart Mario Mallia (ara Dok. B a fol. 17).

Jirrizulta wkoll li Mary Zarb kienet inghatat prokura generali mid-defunta Antonia Borg u li din

sussegwentement giet irtirata fis-sbatax ta’ Frar, 2004 (ara Dok. C a fol. 21).

L-istess xhud jghid ukoll li tul dan iz-zmien martu kienet issarraf ic-cekk tal-pensjoni ta’ Antonia Borg u tghaddielha s-somma ntiera.

L-istess xhud stqarr li xi ftit granet wara l-funeral ta’ Antonia Borg li nzamm fil-hamsa w ghoxrin ta’ Frar 2005, kienet tfaccat in-neputija ta’ Joseph Borg, certa Rondia Grech u qaltlu fil-presenza ta’ martu, li l-ghada tal-funeral ta’ Antonia Borg, il-konvenut Anthony Borg u r-ragel ta’ oht martu Mary u cioe Carmelo Mifsud, marru Hal Kirkop ghand Joseph Borg w ikkonsenjaw lilu u lill-martu Catherine, s-somma ta elf tlett mija w ghaxar liri maltin (LM1,310), bhala sehmu mill-wirt ta’ ommhom Antonia Borg. Fl-istess hin kkonsenjaw is-somma ta’ elfejn sitt mija w ghoxrin lira maltin (LM2,620) biex jinghataw kwantu ghas-somma ta’ elf tlett mija w ghaxar liri maltin (LM1,310) lil Maria Zarb martu, u kwantu ghas-somma ta’ elf tlett mija w ghaxar liri maltin (LM1,310) ukoll lill-martu, bhala prokuratrici t’ohtha l-imsiefra, Georgina Mallia. Sostna li Antonio Borg u Carmelo Mifsud ma taw ebda spjegazzjoni ghaliex inghatawlhom dawn il-flejjes. Taht dawn ic-cirkostanzi huwa ssuspetta li d-dar numru 5, Carmen House, Triq il-Fatati, Hamrun proprjeta esklussiva ta’ Antonia Borg, giet mibjugha w is-somma ta’ elf tlett mija w ghaxar liri maltin (LM1,310) giet imhallsa mir-rikavat. Huwa ghalhekk inkariga lill-Avukat tieghu Dottor Benny Delia sabiex jordna u jaghmel ir-ricerki relattivi w irrizulta li effettivament Antonia Borg kienet bieghet id-dar imsemmija lil certa Doris Camilleri, versu l-prezz ta’ ghoxrin elf lira Maltin (LM20,000), permezz ta’ kuntratt ippublikat fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon fid-disgha w ghoxrin t’Ottubru 2004. (vide d-dokument esebit a fol 85 tal-atti processwali.)

Bartolomeo Zarb stqarr ukoll li fuq il-kuntratt in kwistjoni kien deher biss il-konvenut Antonio Borg f’ismu proprju u mhux fl-interess u bhala prokuratur ta’ Antonia Borg. In oltre jirrizulta wkoll li Antonia Borg giet imnizzla li kienet qeghda tghix il-Hamrun, meta fil-fatt, fiz-zmien li sar il-

kuntratt, hija kienet residenti fl-isptar San Vincenz de Paule.

Illi sussegwentement gew skambjati diversi ittri liema ittri jinsabu esebiti fl-atti. Qal ukoll li kien hemm xi zmien meta il-konvenut kien lest li jaghti s-somma ta' elf lira Maltin (LM1,000) lil Mary Zarb w elf lira ohra (LM1,000) lil Georgina Mallia ghas-saldu ta' kull pretensjoni li kellhom u dan sabiex jigu evitati proceduri l-Qorti. Huwa kien accetta din is-somma, pero Carmelo Mifsud m'accettax din il-proposta w ghalhekk hlas ma sarx.

Huwa ghamel referenza wkoll ghall-ittra mibghuta mill-Avukat Demarco datata tmienja ta' Gunju 2005 esebita fl-atti u markata bhala Dok. J (fol.40), fejn hemm miktub ghan nom ta' Anthony Borg dawn il-kliem precizi "*kwantu ghat-tqassim tal-flus gej mill-biegh tal-proprjeta, dawn tqassmu tul hajjet Antonia Borg skond ir-rieda taghha u bhala kumpens ta' servizzi rezi, il-bilanc imbaghad tqassam fost il-werrieta f'porzjonijiet ugwali.*"

Jghid li dan ma hu veritier xejn ghaliex fil-fatt il-flejjes inqasmu wara il-mewt taghha u mhux minnu, kif spjegat aktar 'l fuq u fit-tieni lok ma setghax jifhem kif intqal li s-somma ta' ghoxrin elf lira Maltin (LM20,000), nqasmet bhala kumpens ta' servigi rezi.

Spjega li huwa ma jafx min ta kumpens lil Antonia Borg, anzi jghid li martu Maria Zarb kienet prokuratrici t'ommha Antonia Borg waqt li kienet rikoverata l-isptar mill-wiehed w ghoxrin ta' Jannar 2003 sas-sbatax ta' Frar 2004, meta kienet giet revokata il-prokura li kellha favur ommha. Qalet li ghalhekk l-unici servigi li setgha ta' kien hemm, saru bejn il-perijodu tas-sbatax ta' Frar 2004 sat-tlieta w ghoxrin ta' Frar 2005, meta eventwalment mietet.
In kontro-ezami nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Mejju 2006, ighid li kien hemm xi zmien meta ommha kellha xi kwistjoni mad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali ghaliex kienet irceviet xi hlasijiet zejda u d-dipartiment ried il-flus lura. Ikkonfermat li Antonia Borg kellha xi flejjes il-Bank pero l-ammont ma kientix tafu. Qal li l-ammont ta' elf tlett mija w ghaxar liri maltin (LM1,310) martu rcevithom w

iddecidiet li taccetthom ukoll ghan-nom t'ohtha l-imsiefra, Georgina Mallia.

Fl-istess nota datata ghoxrin ta' Frar 2006 gie esebit l-affidavit ta' **Dottor Benny Delia,** w ikkonferma li huwa ghamel ricerka ghan-nom tal-konjugi Zarb dwar it-trasferimenti maghmula minn Antonia Borg. Irrizultalu li Antonia Borg kienet bieghet id-dar numru 5, "Carmen House", Triq il-Fatati, Hamrun, lil certa Doris Camilleri f'Ottubru 2004, kif jirrizulta minn kopja tal-kuntratt esebit fl-atti w immarkat Dok. E. Minn ezami tal-kuntratt irrizultalu li Anthony Borg kien deher fuq dan il-kuntratt mhux bhala prokuratur t' ommu Antonia. Oltre dan irrizultalu wkoll li gie dikjarat li Antonia Borg kienet qed tghix il-Hamrun meta in effetti kienet qed tirrisjedi fl-isptar San Vincenz de Paule, Hal Luqa.

Huwa ghalhekk kiteb ittra lil dan Anthony Borg u staqsih fejn intefqu ir-rikavati ta' dan il-biegh u cioe is-somma ta' ghoxrin elf lira Maltin (LM20,000). Sussegwentement gew skambjati diversi ittri bejn l-Avukati rispettivi tal-partijiet liema ittri jinsabu esebiti fl-atti tal-process.
Spjega wkoll li meta staqsa lil Dottor Demarco bhala avukat tal-konvenut, sabiex jaghmel offerta sabiex il-kwistjoni tigi transatta bonarjament, l-istess Dottor Demarco kien offra li l-klijent tieghu jghaddi s-somma ta' elf lira Maltin (LM1,000) lil Maria Zarb u elf lira ohra (LM1,000) lil Georgina Mallia u dan ghas-saldu ta' kull pretensjoni li seta kellhom. Qal li l-klijenti tieghu accettaw din l-offerta izda wara xi zmien cempillu Carmelo Mifsud u qallu li huwa pensjonant u ma kienx qieghed f'posizzjoni li johrog flus u li din il-kwistjoni tinvolvi lil Anthony Borg w ghalhekk ma hallasx. Kien ghalhekk li nfethet il-kawza odjerna minhabba nuqqas ta' qbil.

In kontro-ezami nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Mejju 2006 ikkonferma li kitba dwar l-offerta li kien ghamel Dottor Demarco dwar il-hlas ta' elf lira maltin (LM1,000) ma kienx hemm u dan ghaliex Carmelo Mifsud kien rega bdielu u ma riedx jirranga.

**Mary Zarb** xehdet permezz t' affidavit li jinsab esebit fl-atti a fol. 16 markat bhala Dok. X. Spjegat li hija tigi bint il-mejta Joseph u Antonia Borg. Ikkonfermat li ghandha erba' ahwa.

Ikkonfermat li ommha mietet fi Frar 2005 waqt li kienet rikoverata l-isptar San Vincenz de Paule. Ikkonfermat li kienet il-prokuratrici taghha ghall-perijodu bejn l-wiehed w ghoxrin ta' Jannar 2003 w is-sbatax ta' Frar 2004. Qalet li permezz ta' kitba maghmula quddiem in-Nutar Dottor Sarah Anne Agius ommha ddikjarat li hija kienet issarfilha c-cekk tal-pensjoni u tghaddilha s-somma kollha. Hija pero tghid li m'irceviet l-ebda kumpens ghal dan is-servizz. Qalet li ommha tatha biss is-somma ta' hames mitt lira Maltin (LM500) biex tiehu hsieb il-funeral taghha u fil-fatt hekk ghamlet bihom.

Ikkonfermat dak li qal zewgha li ftit wara li mietet ommha kienet marret ghandhom in-neputija tar-ragel certa Rondia Grech u qaltilha li kienu marru ghandha Antonio Borg u Carmelo Mifsud w ikkonsenjaw lill-ommha u missierha s-somma ta' elf tlett mija w ghaxar liri maltin (LM1,310), kif ukoll somma ohra ekwivalenti sabiex tinghata lilha u lil ohtha Giorgina. Qalet li pero ma taw l-ebda spjegazzjoni ta' l-origini ta' dawn il-flejjes.

Kien ghalhekk li hija qabdet lil zewgha sabiex jiehu hsieb li jsiru ricerki specjalment dwar id-dar t'ommha gewwa l-Hamrun. Ikkonfermat li sakemm damet prokuratrici ta' ommha hija m'irceviet l-ebda kumpens ghal xi servizz li setghet tatha.

Nhar il-hamsa w ghoxrin t'Ottubru 2006 **Mary Zarb** xehdet in kontro-ezami w ikkonfermat li kienet cemplitilha l-mara ta' ħuwa certa Catherine waqt li kienet ma gemb il-konvenut Anthony Borg, Carmelo Mifsud u bintha Rondia u qaltilha li huma kienu gabru somma flus u li kienet ser tghaddilha sehemha u fil-fatt marret ghandha u tatha s-somma ta' elf tlett mija w ghaxar liri maltin (LM1,310). Tatha wkoll somma ohra fl-istess ammont sabiex tghaddiha lill-ohtha Georgina li tghix fl-Awstralja. Nonostante dan pero, qablu wkoll li kellha tircievi elf lira

maltin (LM1,000) ohra ghaliha u elf lira maltin (LM1,000) ohra ghall-ohtha sabiex jaghlqu l-pendenzi ta' bejniethom, pero din l-elf lira maltin (LM1,000) baqghet m' irceviethom qatt. Stqarret li saret taf li l-flus kienu gejjin mill-provenjenza ta' biegh ta' proprjeta u fil-fatt qalet li ppretendiet li sehemha kellu jkun akbar. Ikkonfermat ukoll li ommha Antonia Borg kellha tirrifondi qabel ma mietet, xi flus lid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali, ghaliex kienet irceviet hlasijiet zejda.

Illi nhar it-tlieta w ghoxrin ta' Frar 2006 xehdet **Catherine Borg** prodotta mill-atturi li kkonfermat li hija mizzewgha lil Joseph Borg. Ikkonfermat ukoll li wara li kienet mietet omm zewgha, Antonia Borg, Anthony Borg kien mar ghandha flimkien ma Carmelo Mifsud u taha xi flus. Spjegat li l-flus kienu divizi fi tlett pakketti ta' elf tlett mija u ghaxar liri maltin kull wiehed (LM1,310). Dawn kienu ntizi 'n kwantu ghal pakkett ghal zewgha, wiehed ghall-ohtu Mary Zarb u l-iehor ghall-ohtu l-ohra Georgina Mallia, li kienet imsiefra. Ikkonfermat li kienet ukoll iffirmat ricevuta ghal dan Carmelo Mifsud. Ikkonfermat li zewgha ma fetah l-ebda kawza.

**Carmelo Mifsud** xehed permezz t'affidavit prezentat f'dawn l-atti permezz ta' nota datata hamsa w ghoxrin t'Ottubru 2006. Ikkonferma li huwa jigi r-ragel ta' Rose Mifsud w ikkonferma dak kollu li qalet martu fl-affidavit taghha. Qal pero li darba minnhom kien cempillu hu l-mara certu Anthony u talbu biex imur mieghu l-Bank biex isarraf ic-cekk tal-bejgh tal-post t'ommu u dan ghaliex ma xtaqx imur wahdu. Maghhom marret ukoll bintu Maria. Qal li c-cekk issarraf u hadu s-somma ta' ghoxrin elf lira Maltin (LM20,000) fi flus kontanti. Irritornaw lura d-dar bihom u hemmhekk kien hemm il-kunjata Antonia Borg li xtaqet tkellem lil binha fil-privat u dahlet f'kamra ma Anthony Borg u wara xi hin ghajtet lil martu u martu qaltlu li ommha tatha s-somma ta' erbat elef lira Maltin (LM4,000), oltre hames mitt lira (LM500) lit-tlett itfal taghhom u hames mija (LM500) ohra liz-zewgt itfal ta' Anthony Borg. Tatu s-somma ta' elfejn lira u xi haga fuqhom sabiex ihalsilha d-dejn li kellha mad-Dipartiment

tas-Servizzi Socjali u fil-fatt hekk ghamel, mar ghand is-sinjura Fenech ta’ dan id-dipartiment gewwa Rahal Gdid.

Jghid li huwa sema lill-kunjata tghid li kien ghad fadlilha is-somma ta’ sitt elef u hames mitt lira Maltin (LM6,500) u li dak li ma tonfoqx, kellu jinqasam bejn il-mara tieghu u ħuha l-konvenut Anthony. Lit-tfal l-ohra taghha, ma riedet tghatihom xejn.

Wara li mietet Antonia Borg jaf li martu Rose u ħuwa Anthony, iddecidew li l-bilanc ta’ sitt elef u hames mitt lira maltin (LM6,500) jinqasam bejn l-hamest ahwa u fil-fatt huwa, flimkien ma Anthony, marru ghand Catherine Borg mart Joseph, gewwa Hal-Kirkop bis-somma ta’ tlett elef disgha mija u tletin lira maltin (LM3,930) u cioe bis-sehem ta’ Giorgina, Mary u Joe. Qal ukoll li wara dan, martu rceviet ittra minghand Dottor Demarco sabiex martu thallas is-somma ta’ elf lira (LM1,000) u Anthony ihallas somma ohra ta’ elf lira (LM1,000), izda ma accettawx.

**Rose Borg** xehdet permezz t’affidavit u x-xhieda taghha tinsab inserita fil-process a fol. 67. Ikkonfermat li hija tigi oht Anthony Borg w ikkonfermat li l-genituri taghhom kienu jghixu fid-dar matrimonjali taghhom gewwa l-Hamrun. Spjegat li meta ommha kibret, xtaqet tghix go *home* u ma tibqax tghix fid-dar taghha w ghalhekk zewgha, flimkien ma ħuha ghamlu l-verifiki taghhom sabiex isibu post alternattiv u wara xi zmien ommha rceviet ittra minn St. Vincent De Paule, fejn giet infurmata li kienu ser jaccettawha bhala pazjenta ghall-perijodu ta’ tlett xhur u fil-fatt ommhom marret tghix hemm. Ommhom xtaqet li missierhom imur ighix maghha fl-isptar, pero hu ma riedx peress li kien ihossu ahjar minnha, ghalkemm hdejha kien imur kuljum sakemm mietet.

Spjegat li wara ftit ta zmien missierha hassu hazin u haduh l-isptar u miet gimghatejn wara fl-isptar nhar it-tlieta ta’ Jannar 2003. Huma xorta baqghu jmorru jaraw lill-ommhom u sahansitra ommhom bdiet tircievi c-cekk tal-pensjoni fl-isptar f’isimha, izda wara certu zmien dan ic-cekk beda johrog f’isem Mary Zarb, ohtha, u dan sabiex tkun f’posizjoni li ssarfilha dan l-istess cekk li kienet

tircievi. Wara xi zmien din Mary siefret u c-cekk beda johrog f'isem ħuha Anthony. Huwa spicca mar id-Dipartiment tas-Servizzi Socjali u qalulu li kien sar xi *over payment* w ghalhekk ommu kellha tirrifondi xi flus fl-ammont ta' circa elfejn lira Maltin (LM2,000) li kienet irceviet erronjament minghand l-istess Dipartiment.

Meta miet missierha, ommha bdiet tghidilha li xtaqet tbiegh il-post li kellha l-Hamrun u fil-fatt l-post gie reklamat ghall-biegh. Wara xi zmien huwa Tony infurmha li kien hemm xi hadd interessat li jixtri dan il-post u fil-fatt sahansitra anke sar konvenju mieghu fil-presenza taghha. Tiftakar li waqt il-konvenju n-Nutar beda jistaqsi lill-ommha jekk il-post kienx taghha jew t'uliedha ukoll u hi wiegbet li kienet wirtitu minghand missierha.

Spjegat li meta sar il-kuntratt, hija ma kienitx prezenti izda kien hemm ħuha Anthony. Ikkonfermat li l-post inbiegh ghall-prezz ta' ghoxrin elf lira Maltin (LM20,000). Jum minnhom, meta ommha kienet ghandha hajja, kien mar ħuha Anthony bic-cekk u talab lil zewgha jakkumpanjah l-isptar sabiex isarraf ic-cekk u meta gew lura mill-Bank, taf li ommhom xtaqet tkun wahedha. Anthony taha l-flus u ommha tatha erbat elef lira Maltin (LM4,000) minnhom u dan ghaliex skond ma qaltilha ommha, dejjem ghamlet hafna maghha w ghalhekk bhala kumpens. Spjegat li hija qatt ma hadmet waqt li kienet ghada d-dar u fil-fatt t'erbatax-il sena harget mill-iskola sabiex tiehu hsieb l-ommha. Spjegat li damet hdax il-sena tiehu hsieb l-ommha w anke wara li telqet mid-dar, xorta kienet tmur tiehu hsiebha. Qalet li taf ukoll li ommha tat xi flus lil ħuha Anthony, lill-uliedu u hames mitt lira Maltin (LM500) liz-zewg uliedha. Qalet li talbet lil Anthony ihallas id-dejn li kellha mad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali. Illi wara li ghamlet dawn il-pagamenti kollha tghid li ommha kien ghad fadlilha s-somma ta' sitt elef u hames mitt lira Maltin (LM6,500) u din is-somma giet mizmuma minnha fuq talba t'ommha, sabiex jekk ommha jkollha bzonn xi flus, hija tkun f'posizjoni li tghinha. Qalet ukoll li ommha qaltilha li jekk tmut, il-flus kellha zzommhom hi u taqsamhom ma ħuha Anthony, u sabiex ma taghti xejn lil ħutha l-ohra, ghaliex kienet taghthom bizzejjed tul hajjitha. Qaltilha li

kull darba li oħtha Mary Zarb kienet tmur tarha l-isptar u ssarfilha c-cekk, kienet taghtiha tletin lira Maltin (Lm30) w ghaxar liri maltin (LM10) lil zewgha ghal petrol u li kienet thallasha ghal kull haga li kienet tixtrilha. Qaltilha wkoll li kienet taghti flus lil ħuwa Joseph kull meta kien imur jaraha.

Spjegat li waqt li kienet l-isptar, ommha kienet talbitha s-somma ta sitt mitt lira Maltin (LM600) u dawn tathomlha u poggiethom fil-komodina u meta mietet ghamlithom mal-flejjes l-ohra li kellha li kienu t'ommha.

Spjegat li meta effettivament mietet ommha, hija cemplet lil ħuha Anthony u qaltlu li l-flus li kellha t'ommhom, cioe dak li kien ghad fadal fl-ammont ta' sitt elef hames mija u hamsin lira maltin (LM6,550), xtaqet li jigu divizi bejn l-ahwa kollha. Ħuha accetta l-ideja taghha u dawn gew maqsuma bejniethom u b'hekk gie li lkoll hadu s-somma ta' elf tlett mija w ghaxar liri maltin (LM1,310).
Wara li qasmu l-flus, qalet li ma semghet xejn aktar salv li kien cemplilha ħuha Anthony u qalilha li kien irceiva ittra minghand avukat fejn kien gie mistoqsi x'kien sar mill-flus t'ommu. Hija, flimkien ma ħuha marret ghand Dottor Demarco li xtaq li huma jaghtu s-somma ta' hames mitt lira (LM500) kull wiehed lil ohthom Mary Zarb u Giorgina Mallia, pero huma m'accettawx w ghalhekk ma tawhom xejn.

**Anthony Borg** xehed permezz t'affidavit liema affidavit jinsab esebit fl-atti a fol. 72 tal-process. Huwa kkonferma li jigi t-tifel ta' Antonia Borg w ikkonferma dak li qalet ohtu Rose Mifsud, dwar fejn kienet tghix ommu sakemm mietet u min kien jiehu hsiebha. Ikkonferma dak kollu li qalet ohtu Rose dwar x'kien gara meta nbiegh il-fond t'ommhom fil-Hamrun u kif ommu kienet iddisponiet minn flusha dakinhar. Ikkonferma pero li kien hu li mar ihallas id-dejn t'ommu lid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali w effettivament hallas l-ammont ta' elfejn u sitta w tletin lira maltin u erbgha w hamsin centezmu (LM2,036.54). Ikkonferma wkoll li ommu verament kienet qalet lil ohtu Rose sabiex il-flus li kien fadlilha, kellha izzomhom hi f'kaz

li jkollha bzonn xi haga tuzhom fuqha u li kellha zzomm dak li jifdal biex taqsmu mieghu.

Ftakar ukoll f’dak li kien issuggerixxa l-avukat tieghu Dottor Demarco li huwa q ohtu kellhom ighaddu s-somma ta’ elf lira (LM1,000) ‘l wiehed lil ohthom Giorgina Mallia u Mary Zarb ghas-saldu tal-pretensjonijiet taghhom pero stqarr li hu ma xtaqx jiehu dan il-parir tieghu.

In kontro ezami nhar il-hmistax ta’ Marzu 2007 Anthony Borg jikkonferma li huwa kellu prokura t’ommu sabiex isarfilha c-cekk tal-pensjoni u li effettivament dam isarraf dawn ic-cekkijiet ghall-perijodu ta’ sena. Gharaf il-prokura esebita fl-atti u markata bhala Dok. A a fol. 41 bhala l-prokura li huwa kellu u li giet iffirmata nhar it-tmintax t’Ottubru 2004. Mistoqsi jekk qatt kienx qal lil ħutu li ommu kienet ser tbiegh id-dar matrimonjali taghha, huwa jghid li ma qal lil hadd, ghaliex fil-fatt kienet ommu stess li bieghet id-dar. Qal li fuq il-konvenju kienet dehret ommu, waqt li fuq il-kuntratt finali kien deher hu permezz ta’ prokura. Qal li servigi lill-ommu ta dejjem ghaliex dam jiehu hsiebha tul hajtu kollha u huwa kellu sittin sena.

Illi nhar is-sbatax ta’ Mejju 2007 Anthony Borg ipprezenta l-kuntratt ta’ bejgh bejn il-kompratrici Doris Camilleri u l-venditur Anthony Borg ghan-nom ta’ Antonia Borg redatt minn Nutar Dottor Pierre Falzon datata disgha w ghoxrin t’Ottubru 2004 (fol. 86).

Il-Qorti rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-atturi Mary Zarb prezentata fl-atti nhar tnax ta’ Gunju 2006 u dik tal-konvenut Anthony Borg.

Ikkunsidrat.

Illi f’din il-kawza, l-atturi qeghdin jitolbu lil Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuti jhallsuhom “*is-somma ta’ erbat elef u sitt mitt lira Maltin (LM4,600) jew somma ohra verjuri, bilanc tas-somma ta’ ghoxrin elf lira Maltin (LM20,000) dovuta lill-atturi, bhala wlied w eredi ta’ ommhom, il-mejta Antonia Borg meta fid-disgha w ghoxrin t’Ottubru 2004 hija dehret fuq kuntratt pubblikat minn*

*Nutar Pierre Falzon u bieghet lil Doris Camilleri l-fond numru 5, Carmen House, Triq il-Fatati, Hamrun, proprjeta ta' l-istess Antonia Borg u l-istess konvenut inkassa u zamm il-prezz ta' LM20,000*".

Il-konvenut da parti tieghu qieghed jghid li l-azzjoni odjerna hija ntempestiva u li qabel xejn irid ikun hemm il-likwidazzjoni ta' l-eredita ta' omm il-kontendenti u li din il-Qorti ma hijiex kompetenti *rationae valoris* u dan peress li biex tasal ghal konkluzzjoni taghha, l-Qorti l-ewwel trid tillikwida l-assi ereditarji w imbaghad minn hemm, tasal ghall-konkluzjoni ta' kif l-assi ghandhom jigu distribwiti u skond l-avviz tal-atturi, l-assi ereditarji huma ta' aktar minn ghaxart elef lira maltin (LM10,000) li minnhom qed jippretendu erbat elef u sitt mitt lira maltin (LM4,600). Il-konvenut ecepixxa wkoll li l-gudizzju mhux integru stante li m'humiex parti fil-kawza l-eredi kollha ta' Antonia Borg.

Illi ghalhekk il-Qorti jehtigielha li tiddeciedi dwar l-eccezzjonijiet preliminari u senjatament t-tieni eccezzjoni tal-kompetenza, qabel ma tghaddi, jekk tichad tali eccezzjonijiet, sabiex tiddeciedi l-mertu.
Ma hemmx dubbju li dak li qeghdin jitolbu l-atturi odjerni hija kemm fil-kapacita taghhom personali u kemm fil-kapacita taghhom bhala eredi tad-defenuta ommhom Antonia Borg.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, l-atturi jkomplu jghidu li d-donazzjoni maghmula mid-defunta Antonia Borg, hija nulla u bla effett, stante li ma gewx segwiti l-formalitajiet kontemplati mill-ligi.

Il-Qorti hija tal-fehma li sabiex hija tkun tista tasal ghas-somma li rejalment hija dovuta lill-atturi, hija jkollha tidhol fl-eredita kollha tad-defunta Antonia Borg, u konsegwentement ghalhekk hija tkun qeghda teccedi l-kompetenza taghha.

Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Zammit vs Joseph Ellul noe** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Lulju, 1996 (per S.T.O. J. Said Pullicino)

"*Issa hu veru li l-art. 748 tal-Kap. 12 jipprovdi illi l-valur ta' l-oggett fil-kawza hu determinat mit-talba meta (a) it-talba hija ghall-hlas ta' somma determinata. Dan ma jfissirx pero' li l-Qorti li inizjalment tkun kompetenti li tiehu konjizzjoni tal-mertu, ma tistax ma tibqax hekk kompetenti jekk bhala rizultat ta' l-eccezzjonijiet moghtija dik il-Qorti tkun imsejjha tiehu konjizzjoni ta', u tiddeciedi, materji li jkunu lil hinn mill-kompetenza taghha bhala pre- rekwizit essenzjali biex tiddeciedi l-mertu quddiemha.*

*"Il-kompetenza ma tiddependix bilfors u unikament mit-talba ta' l-attur imma tista' tiddependi wkoll, fejn ikun il-kaz, mill-eccezzjoni tal-konvenut" (Vol. XXXVIC, P.II, P.454). Jista' jigri nfatti - kif ovvjament gara fil-kaz taht ezami - illi "ghalkemm l-azzjoni inizjalment kienet ta' kompetenza tal-Qorti Inferjuri (billi t-talba hija ghall-hlas ta' somma determinata entro l-kompetenza taghha) din tigi ezawtorata "ope exceptionis" bl-impunjazzjoni ta' l-obbligazzjoni principali" (Vol. XXXVIIC, P.I, p.542).*

*Dan jista' jigri billi l-Qorti tigi necessarjament mitluba bhala konsegwenza ta' l-eccezzjonijiet moghtija u bhala parti mill-process biex tiggudika t-talba quddiemha li tikkonsidra u tiddeciedi obbligazzjonijiet bejn il-kontendenti, li jeccedu l-kompetenza taghha. Dan ifisser, illi f'kazijiet simili l-kompetenza tal-Qort hija finalment determinata mill-indoli ta' l- obbligazzjoni in relazzjoni ghall-obbligat*".

Fil-kaz in ezami l-obbligazzjoni tal-konvenut obbligat ma tistax tittiehed b'mod izolat u limitat ghall-bilanc li l- attur qed jippretendi li ghandu dritt li jigi lilu rifuz bhala indebitu, imma trid bilfors tigi deciza fl-isfond tal-wirt kollu tad-defunta Antonia Borg w ghalhekk, din l-istess Qorti ma tistax tidhol f'dan id-dettal stante li dawn jisbqu bil-bosta l-kompetenza ta' din l-istess Qorti.

**Ghalhekk din il-Qorti, filwaqt li qeghda tilqa t-tieni eccezzjoni tal-inkompetenza *rationae valoris* u konsegwentement tiddikjara ruhha bhala li ma hijiex**

**il-Qorti kompetenti sabiex tigi deciza din il-kawza odjerna.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------